**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 6 ta' Ottubru, 2021**

Numru 12

**Rikors Nru. 308/2019**

**Maria sive Marianne Elsdon u b'digriet tal-1 ta' Lulju 2019 Christian Elsdon qed jidher bhala mandatarju ta' ommu Maria sive Marianne Elsdon skont prokura tas-17 ta' Mejju 2018**

**vs**

**Catherine Saydon, Joan Busuttil, Joseph Saydon u Gerard Saydon**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici tat-22 ta' Marzu, 2019 li jghid hekk:

1. Illi nhar it-tmienja ta' Marzu tas-sena elfejn u erbghatax (08.03.2014) gie nieqes Carmelo Sydon, u cioe missier l-esponenti kopja tac-certifikat tal-mewt hawn annessa u mmarkata Dokument A.
2. Illi l-esponenti hi wahda fost l-ulied tad-defunt Carmelo Saydon u cioe fost Catherine Saydon, Joan Busuttil, Joseph Saydon u Gerard Saydon.
3. Illi permezz ta' testament datat erbgha u ghoxrin ta' April tas-sena elfejn u tnax (24.04.2012) l-istess Carmelo Saydon ghamel testament fl-atti tan-Nutar Dr Maria Spiteri kopja ta' liema qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dokument B.
4. Illi permezz ta' dan l-istess testment, u cioe kif inhu stipulat fl-artikolu disgha (9) tal-istess testament jipprovdi:

'Fl-ahharnett it-testatur irid u jordna illi jekk xi hadd mill-werrieta/legatarji imsemmija f'dan it-testment jipprova b'xi mod u bi kwalunkwe mod jattakka kwalunkwe parti ta' dan it-testment tieghu, dan/din jiddekadi/tiddekadi mill-benefìccji kollha lilhom mhollija lilu/lilha f'dan it-testment.
5. Illi l-ahwa Saydon, hlief l-esponenti, iIkoll kisru b'mod dirett u ampju, bl-azzjonijiet diretti taghhom dak kif provdut fid-disgha (9) artikolu tal-istess testament tat-testatur Carmelo Saydon u dan bir-rizultanti konsegwenzi li dan il-ksur igib mieghu.
6. Illi din ghalhekk il-kawza, bl-azzjonijiet li attakkaw it-testment tal-konvenuti, mertu hekk ta' din kif il-kawza ser jigi ppruvat taw effett tul id-dekadenza it-trattazzjoni tal-beneficcji kollha moghtiha lilhom b'dan it-testment u ghalhekk avveraw ir-rizultanzi li ghalihom hu proprju mahsub l-artikolu disgha (9) tal-ahhar testament tat-testatur Carmelo Saydon.
7. Illi l-intimati diga gawdew minn gid u/jew drittijiet naxxenti mill-istess testament u ghalhekk dan jirrikjedi li jigu integrati lura fil-massa ereditarja.
8. Illi bl-azzjonijiet tal-istess konvenuti, l-esponenti sofriet danni kif ser jigi ppruvat tul it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti:
1. Tiddikjara illi l-konvenuti, bl-azzjonijiet taghhom marru kontra x-xewqa specifika hekk kif stipulata fl-artikolu disgha (9) tal-ahhar testament tat-testatur Carmelo Saydon.
2. Konsegwentement ghall-ewwel talba tiddikjara illi b'rizultat tal-istess ksur ta' din id-dispozizzjoni jidhlu fis-sehh il-kundizzjonijiet kollha mahsuba fit-testment f'dik l-eventwalita inkluz id-dekadenza mid-drittijiet mirbuha jew akkwistati u l-beneficcji kollha lilhom mhollija fit-testment in kwistjoni.
3. Konsegwentement tal-istess dikjarazzjomjiet, tordna li jigu ritornati l-assi kollha tal-eredita li setghu l-intimati akkwistaw u fin-nuqqas tillikwida l-ammont li ghandu jigi ritornat sabiex ikun hemm l-integrita patrimonjali tal-eredita.
4. Tordna l-hlas tas-somma hekk likwidata, okkorrendo bin-nomina ta' perit.
5. Tordna in-nomina ta' Nutar Pubbliku jekk ikun hemm htiega sabiex jippublika dawk l-atti kollha necessarji ghar-reintegrazzjoni tal-assi.
6. Tordna l-hatra ta' kuraturi f'kaz ta' kontumacja tal-intimati jew min minnhom.
7. Tiddikjara lill-intimati responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici, u tillikwida l-istess, okkorrendo bin-nomina ta' periti u tordna l-hlas tal-istess danni hekk likwidati, bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv.
BI-ispejjez u bl-imghax legali, l-intimati ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

Dikjarazzjoni tal-fatti
1. Illi l-fatti kif dikjarati fl-ewwel erba' paragrafi tar-rikors guramentat tal-attrici mhumiex kontestati.
2. Illi l-fatti l-ohra kif dikjarati mill-attrici huma kontestati bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, u huma neboluzi ghall-ahhar fejn l-attrici ma taghti ebda indikazzjoni tal-allegati fatti u raguni li setghu wasslu ghall-allegat dekadenza mill-wirt ta' Carmelo Saydon, u tal-allegati danni pretizi minnha.
3. Illi l-kawza odjerna mhi xejn ghajr tentattiv iehor fjakk tal-attrici sabiex tipprova taghmel il-bsaten fir-roti, u l-eccipjenti ghalhekk jaghmluha cara daqs il-kristall li mhux ser joqoghdu ghal dan l-agir abuziv tal-attrici, u qieghdin izommu lill-attrici

responsabbli ghall-konsegwenzi kollha ta' din il-kawza frivola u vessatorja u tal-agir kollu taghha, fosthom id-danni u t-telf ta' qliegh. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tapprezza li hemm diversi kawzi pendenti bejn il-partijiet fejn il-konvenuti qieghdin jippruvaw jitterminaw l-istat ta' komproprjeta ai termini tal-Artikolu 495A, u fejn ghalhekk il-konvenuti qieghdin izommu lill-attrici responsabbli ghad-danni kollha kawzati minhabba din il-kawza frivola u vessatorja inkluz id-danni u l-imghaxijiet minhabba kwalunkwe dewmien.

Eccezzjonijiet
Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-eccipjenti jecepixxu bir-rispett:
1. Illi preliminarjament l-attrici hija assenti minn Malta u ghalhekk skont il-procedura, l-okkju ghandu jirrifletti l-prokuratur, kuratur jew rapprezentant li qieghed jidher f'isem l-istess attrici.
2. Illi preliminarjament l-attrici naqset fir-rikors guramentat taghha milli taghmel dikjarazzjoni li tfisser b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza u r-raguni tat-talba ghal termini tal-Artikolu 156(1) tal-Kap. 12, u ghalhekk l-ewwel u qabel xejn l-attrici ghandha ticcara l-fatti allegati minnha u l-pretenzjonijiet taghha, filwaqt li l-eccipjenti jaghmulha cara li qieghdin jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta ulterjuri b'eccezzjonijiet ulterjuri u xhieda ulterjuri fl-istadju opportun kif ukoll kontrotalba, kif u meta l-attrici ticcara t-talbiet taghha fosthom ghal dekadenza u danni.
3. Illi din il-kawza infethet ghal ragunijiet frivoli u vessatorji, u ghalhekk l-eccipjenti jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti taghti l-provvedimenti kollha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi, inkluzi taht l-Artikolu 10 ta' Tariffa A ta' Skeda A tal-Kap. 12.
4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-pretensjonijiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.
5. B'rizerva ghal eccezzjonijiet ulterjuri.
BI-ispejjez kontra l-attrici, u filwaqt li l-eccipjenti jaghmluha cara li qieghdin jirrizervaw id-drittijiet kollha spettanti lilhom inkluzi ghad-danni u telf ta' qliegh li qieghdin u jistghu jsofru minhabba dawn il-proceduri frivoli u vessatorji u minhabba l-agir tal-attrici, u qieghdin jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta ulterjuri flimkien ma' eccezzjonijiet u xhieda ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri tal-konvenuti li tghid hekk:

Dikjarazzjoni tal-fatti
1. Illi l-fatti kif dikjarati fl-ewwel erba' paragrafi tar-rikors guramentat tal-attrici mhumiex kontestati.
2. Illi l-fatti l-ohra kif dikjarati mill-attrici huma kontestati, u huma infondati fil-fatt u fid-dritt.
3. Illi b'kull rispett, it-talba tal-attrici ghadha neboluza sallum, fejn l-attrici qieghda tallega li "l-konvenuti bl-azzjonijiet taghhom marru kontra d-dispozizzjonijiet tal-istess testment [ta' Carmelo Saydon" kif verbalizzat fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2019, izda ma taghti ebda indikazzjoni ta' dawn l-allegati azzjonijiet.
4. Illi mhuwiex minnu li l-eccipjenti attakkaw it-testment tal-mejjet Carmelo Saydon u/jew marru kontra d-dispozizzjonijiet tal-istess testment.
5. Illi anzi l-eccipjenti accettaw il-wirt ta' Carmelo Saydon u qieghdin jippruvaw jaqsmu l-wirt skont l-istess testment, u rrimettew lil xulxin fil-pussess ta' hwejjighom, ghajr ghall-attrici li sallum ghadha ma ghamiltx dan.

6. Illi tant dan huwa minnu, li l-eccipjenti fethu diversi proceduri gudizzjarji sabiex jigu immissi fil-pussess ta' legati u sabiex ibieghu proprjeta komuni u jaqsmu r-rikavat skont id-dispozizzjonijiet tat-testment, fosthom:
a. Kawza deciza fit-8 ta' Novembru 2018 (rikors guramentat 1015/2017MCH) fl-ismijiet Joseph Saydon et vs Mary Anne Elsdon, fejn sar l-immissjoni fil-pussess tal-garaxx
b. Kawza pendenti (rikors guramentat 272/2018AF) fl-ismijiet "Joseph Saydon et vs Dr Joseph Ellis et noe", ghall-bejgh skont l-Artikolu 495A ta' fond ossija remissa gewwa Birkirkara, bil-prezz ta' EUR42,000
c. Kawza pendenti (rikors guramentat 31/2018TA) fl-ismijiet "Joseph Saydon et vs Dr Joseph Ellis et noe", ghall-bejgh skont l-Artikolu 495A ta' feles art gewwa Ibragg, bil-prezz ta' EUR60,000
d. Kawza pendenti (rikors guramentat 213/2019RGM) fl-ismijiet "Joseph Saydon et vs Dr Joseph Ellul et noe", ghall-bejgh skont l-Artikolu 495A ta' fond u art gewwa Birkirkara bil-prezz ta' EUR2,600,000.
7. Illi l-eccipjenti kellhom jifthu dawn il-proceduri stante illi l-attrici stess qieghda dejjem u regolarment topponi u tipprova tistultifika t-tentattivi tal-eccipjenti sabiex ibieghu proprjetajiet komuni u jitterminaw l-istat ta' komunjoni bejn il-partijiet.
8. Illi gjaladarba l-eccipjenti accettaw il-wirt u qieghdin jaqsmu skont l-istess testment, huwa car u manifest li mhumiex qieghdin jattakkaw it-testment tal-24 ta' April 2012. Illi huwa car li gjaladarba wiehed jaccetta wirt, ma jistax jattakka t-testment (fosthom Teresa Borg vs Carmelo Borg - cit 2184/1996 Prim Awla 2 ta' Ottubru 2002).
9. Illi semmai b'kull rispett hija l-attrici li qieghda konsistentement tipprova tistultifika l-wirt u l-qsim tal-proprjeta, fejn naqset milli tersaq ghall-immissjoni fil-pussess tal-legati imhollija lill-eccipjenti, mhijiex tikkoopera fil-bejgh tal-proprjetajiet komuni, u fethet dawn il-proceduri frivoli u vessatorji, u dan bi ksur tad-disposizzjoni numru 9 tat-testment, ta' missierha Carmelo Saydon tal-24 ta' April 2012 fl-atti tan-Nutar Maria Spiteri, u l-konvenuti u/jew min minnhom, izommu ferm id-drittijiet taghhom skont il-ligi, li jipprocedu kontra l-attrici Maria sive Marianne Elsdon sabiex tiddekadi mill-beneficcji kollha lilha mholljia, b'dan l-agir kapriccjuz.
10. Illi l-kawza odjerna mhi xejn ghajr tentattiv iehor fjakk tal-attrici sabiex tipprova taghmel il-bsaten fir-roti, sabiex tipprova tattakka sentenzi li huma diga res judicata u sabiex tattakka proceduri gudizzjarji li huma pendenti, u dan dejjem bi pregudizzju serju lill-eccipjenti.
11. Illi l-attrici kienet u hija parti mill-proceduri gudizzjarji li huma res judicata u dawk li huma wkoll pendenti, u qatt ma qajjmet eccezzjoni li l-eccipjenti b'xi mod iddekadaw mill-wirt.
12. Illi l-eccipjenti ghalhekk jaghmluha cara daqs il-kristall, li mhux ser joqoghdu ghal dan l-agir abuziv tal-attrici, u qieghdin (minghajr pregudizzju ghal rimedji ohra) izommu lill-attrici responsabbli ghall-konsegwenzi kollha ta' din il-kawza frivola u vessatorja u tal-agir kollu taghha, fosthom id-danni u t-telf ta' qliegh. Illi inter alia l-eccipjenti jigbdu l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti kif ukoll tal-attrici stess li wahda mill-kawzi (rikors 213/2019RGM) titratta bejgh tal-valur ta' EUR2,600,000 (zewg miljuni u sitt mitt elf ewro) u f'kaz li minhabba l-proceduri odjerni jew b' xi agir iehor tal-attrici, dan il-bejgh (jew il-bejgh l-iehor) jigi ttardjat, l-eccipjenti sejrin ibatu danni serji u ghalhekk qieghdin izommu ferm id-dritt li jitolbu t-telf ta' qliegh kollu minhabba d-dewmien inkluz l-imghaxijiet bit-8% fuq il-parti tal-prezz dovut lilhom. Tant sabiex l-attrici tkun ben avzata dwar il-konsegwenzi tal-azzjonijiet vessatorji taghha.

Eccezzjonijiet
Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-eccipjenti jecepixxu ulterjorment u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ipprezentati fit-12 tal April 2019:
1. Illi mhuwiex minnu li l-eccipjenti u/jew min minnhom bl-azzjonijiet taghhom marru kontra t-testment ta' Carmelo Saydon u/jew attakkaw it-testment ta' Carmelo Saydon in toto u/jew in parti.
2. Illi l-eccipjenti Joan Busuttil, Joseph Saydon u Gerard Saydon (qua eredi u legatarji) difatti accettaw il-wirt ta' Carmelo Saydon, u Catherine Saydon (qua legatarja) accettat il-legati mhollija lilha.
3. Illi tant l-eccipjenti ma attakkawx il-wirt, li fethu diversi proceduri gudizzjarji kif imsemmijin f'din ir-risposta, rigward proprjetajiet gejjin mill-wirt ta' Carmelo Saydon, u liema proceduri gudizzjarji saru proprju in ottempranza mal-provvedimenti tat-testment ta' Carmelo Saydon.
4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, u prevja li l-attrici ticcara l-allegazzjonijiet taghha, mhux kull agir jista' jew ghandu jwassal ghall-konsegwenzi mitluba fir-rikors guramentat tal-attrici fosthom id-dekadenza.
5. Illi l-attrici ma tistax tinqeda bil-proceduri odjerni sabiex tittenta tistultifika u tattakka sentenzi li huma gja decizi u res judicata.
6. Illi l-attrici lanqas ma tista' tinqeda bil-proceduri odjerni sabiex tittenta tistultifika jew ttawwal proceduri gudizzjarji li huma gia pendenti.
7. Illi l-attrici lanqas ma tista' tinqeda bil-proceduri odjerni sabiex tipprova tattakka trasferimenti li gja saru u/jew li huma fil-process li jigu trasferiti u/jew huma soggetti ghal konvenji.
8. Fir-rigward tas-seba' talba tal-attrici ghad-danni, l-attrici ghandha tipprova l-allegati danni, ir-responsabbilta tal-konvenuti jew min minnhom, u n-ness bejn l-allegati danni u responsabbilta tal-konvenuti jew min minnhom, liema elementi huma ghal kollox kontestati.
9. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-pretenzjonijiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.
10. B'rizerva ghal eccezzjonijiet ulterjuri.
Bl-ispejjez kontra l-attrici, u filwaqt li l-eccipjenti jaghmulha cara li qieghdin jirrizervaw id-drittijiet kollha spettanti lilhom inkluzi ghad-danni u telf ta' qliegh li qieghdin u jistghu jsofru minhabba dawn il-proceduri frivoli u vesatorji u minhabba l-agir tal-attrici.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Il-partijiet huma kollha ulied Carmelo Saydon u skont l-ahhar testment tieghu tal-24 ta' April 2012 il-partijiet kollha hlief ghall-konvenuta Catherine Saydon gew appuntati bhala eredi universali tieghu. Minn naha taghha, Catherine Saydon hija biss legatarja ta' proprjeta immobbli f'Birkirkara. Fl-istess testment Carmelo Saydon iddikjara illi s-sehem mill-porzjon riservata tal-imsemmija Catherine Saydon kien gie moghti lilha

waqt hajtu u ghaldaqstant l-uniku beneficcju derivanti mit-testment imgawdi minn Catherine Saydon huwa l-imsemmi legat. Din il-kawza giet istitwita mill-attrici sabiex tigi ddikjarata d-dekadenza tal-konvenuti mid-drittijiet u beneficcji kollha akkwistati mit-testment ta’ missierhom Carmelo Saydon, u sabiex jigi ordnat ir-ritorn ta’ kwalunkwe assi provenjenti mill-eredita ta’ missierhom illi diga jinsabu fil-pussess taghhom jew sabiex issir likwidazzjoni tal-ammont li ghandu jigi ritornat mill-konvenuti sabiex ikun hemm l-integrita patrimonjali tal-eredita. L-attrici qed tibbaza t-talbiet taghha fuq id-disa’ artikolu tal-ahhar testment ta’ Carmelo Saydon, li taqra hekk:

> ”Fl-ahharnett it-testatur irid u jordna illi jekk xi hadd mill-werrieta/legatarji imsemmija f’dan it-Testment jipprova b’xi mod u bi kwalunkwe mod jattakka kwalunkwe parti ta’ dan it-testment tieghu, dan/din jiddekadi/tiddekadi mill-beneficcji kollha lilhom mhollija lilu/lilha f’dan it-testment”

**It-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenuti**

Permezz tat-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti eccepew illi l-attrici naqset milli taghmel dikjarazzjoni li tfisser b’mod car u sewwa l-oggett tal-kawza fir-rikors guramentat taghha, ai termini tal-artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Permezz ta’ nota prezentata fil-21 ta’ Mejju 2019 l-attrici spjegat illi din l-azzjoni hija bbazata fuq l-artikolu 9 tat-testment ta’ missierhom tal-2012. Waqt is-seduta tal-1 ta’ Lulju 2019 l-attrici ddikjarat illi hija m’hijiex qed titlob dikjarazzjoni ta’ nullita tat-testment ta’ Carmelo Saydon, izda li l-konvenuti bl-azzjonijiet taghhom marru kontra d-disposizzjonijiet tal-istess testment. Sussegwentement il-konvenuti prezentaw risposta guramentata ulterjuri permezz ta’ liema qed jikkontendu illi l-pretensjoni attrici ghadha neboluza sallum ghaliex hija naqset milli tindika liema huma dawk l-allegati azzjonijiet li skont hi permezz taghhom il-konvenuti marru kontra d-disposizzjonijiet testamentarji ta’ missierhom.

Il-Qorti tqis illi din l-eccezzjoni hija infondata. Fir-rikors guramentat taghha l-attrici spjegat b’mod car illi hija qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq l-artikolu 9 tat-testment ta’ Carmelo Saydon tal-24 ta’ April 2012 u fuq il-fatt illi allegatament il-konvenuti attakkaw it-testment imsemmi bl-azzjonijiet taghhom, b’mod illi ghalhekk taw effett ghad-dekadenza tal-beneficcji kollha moghtija lilhom bl-istess testment. Huwa minnu illi l-attrici ma tatx indikazzjoni fir-rikors guramentat ta’ x’kienu dawk l-azzjonijiet li

skont hi taw effett ghall-artikolu 9 tat-testment imsemmi, u li kien ikun ferm ahjar kieku kien sar hekk mill-bidu. Pero fil-fehma tal-Qorti dan ma jfissirx illi hija naqset milli tosserva l-formalitajiet mehtiega ghall-validita ta' rikors guramentat. Dan partikolarment ikkonsidrat il-fatt illi n-nuqqas ta' tali dikjarazzjoni ma jidhirx illi kkawzat xi pregudizzju lill-konvenuti. L-ewwel nett, il-fatt illi l-konvenuti eccepew illi din il-kawza infethet ghal ragunijiet frivoli u vessatorji jimplika illi huma fehmu sew ir-raguni ghalfejn infethet din il-kawza, u kkonsidraw illi l-bazi tal-pretensjonijiet attrici hija tant infondata li hija sahansitra frivola u vessatorja tant li kapaci tattira sanzjonijiet mahsuba fil-ligi. Inoltre, l-attrici spjegat fl-affidavit taghha x'kienu dawk l-azzjonijiet li skont hija jammontaw ghal opposizzjoni ghad-disposizzjonijiet testamentari ta' Carmelo Saydon kommessi mill-konvenuti, u dan qabel mal-kawza marret ghall-provi tal-konvenuti, b'mod ghalhekk illi setghu facilment jirregolaw ruhhom.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija infondata u qed tigi michuda.

**Il-mertu**

L-attrici tikkontendi illi l-konvenuti attakkaw id-disposizzjonijiet testamentarji ta' missierhom ghaliex riedu illi l-eredita tinqasam b'mod ugwali bejn l-ahwa kollha meta wahda mill-ahwa, il-konvenuta Catherine Saydon, thalliet barra mill-wirt u hija biss legatarja u mhux eredi universali bhal m'huma l-bqija tal-atturi. L-attrici tixhed fl-affidavit taghha illi l-konvenuti attakkaw b'mod apert ir-rieda ta' missierhom illi jhalli lil Catherine Saydon barra mill-wirt u insistew illi Catherine Saydon tinghata porzjon ugwali ghal bqija ta' hutha mill-wirt ghaliex ma ridux jaccettaw id-decizjoni ta' missierhom (*fol.* 73). Tghid illi dan tant hu hekk illi sabiex jigi ffirmat kuntratt finali ta' bejgh wara konvenju li kien sar ukoll minn missierhom meta kien ghadu haj, kellha ssir dikjarazzjoni fuq il-kuntratt illi l-bejgh ma kellux jitqies bhala *atto di erede* minn naha tal-konvenuti, sabiex jibqa' impregudikat id-dritt taghhom li jintavolaw azzjoni appozita biex jattakkaw it-testment (*fol.* 73, u *fol.* 101 – 102). Jirrizulta filfatt illi l-konvenut Gerald Saydon kien bghat *email* lill-attrici fejn kiteb hekk: "*Our Dad made a Bad will, which Joan, Joe and myself did Not Agree To. It is really unfair that he left our sister out, she is still our Sister no matter what...All we want to do is go to the testament of mother and father of the year 1999 and right* [*sic*] a *declaration that we*

*have not agreed to the testament of our late father. We will then give Cathy what is rightfully hers*." (*fol.* 108)

Minn naha taghhom il-konvenuti jikkontendu illi huma kienu qed jipproponu illi l-eredita tinqasam ugwalment bejn l-ahwa kollha ghaliex ohthom Catherine Saydon kienet qed tghid illi ser tintavola l-proceduri gudizzjarji opportuni biex tiehu l-legittima spettanti lilha skont il-ligi. Joan Busuttil u Gerald Saydon it-tnejn xehedu illi sabiex jevitaw il-possibilita illi ssir kawza minhabba l-legittima huma hassew li kien ikun ahjar li kieku l-eredita ta' missierhom sempliciment inqasment ugwalment bejn l-ahwa u li ma kinitx l-intenzjoni taghhom li jmorru kontra l-volonta ta' missierhom (*fol.* 144 u *fol.* 190).

Dan jinsab korroborat minn emails mibghuta lill-attrici li gew esebiti fil-mori tal-kawza mill-attrici stess. Fid-29 ta' April 2014 il-konvenuta Joan Busuttil kitbet lill-attrici u gharrfitha illi ohthom Catherine kienet "*determined to take legal action*...*if she takes that path rest assured that it will take us quite sometime battling each other with all monies going in legal feeds. I hope it won't end this way. It will spell trouble for our childrena nd bad blood among us. Nothing can move ahead and everything will be stagnated if we do not find an amicable solution to all this. Joe, Jerry and myselg agreed that we will revert back to the 1999 will, which was both our parents will. In my opinion it is still a fair deal for all of us, in my opinion, I'd rather settle things out of court than lingering for years (It will be dad's history repeating itself).*" (*fol.* 109). Fl-email mibghut minn Gerald Saydon, imsemmi aktar il-fuq, ukoll jissemma illi "*The thing that I would like to inform you about the will, is that dad made a very big mistake about Cathy as he did not leave her the 10% of her inheritance and Cathy is allowed to take this to court. The procedure can take around 20 years and once she has take her 10% of everything that is in the will (of which is the Law) we would still have to pay lawyers, architects, solicitors and all remaining bills*." (*fol.* 108).

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-intenzjoni tal-konvenuta Catherine Saydon li tistitwixxi proceduri gudizzjarji sabiex titlob il-legittima spettanti lilha skont il-ligi, li hija tikkontendi li ma haditx, ma tistax tirrizulta f'telf tal-beneficcji u drittijiet akkwistati mit-testment ta' missier il-partijiet. Huwa minnu illi t-testatur huwa liberu li jiddisponi minn

gidu kif irid fit-testment tieghu. Pero din il-liberta m'hijiex wahda totali jew illimitata. Filfatt il-legislatur illimita din il-liberta tat-testatur billi rriserva porzjon mill-gid tat-testatur ghad-dixxedenti u l-konjugi, b'mod illi hadd minn dawn il-persuni ma jista' jigi mcahhad mill-porzjon riservata spettanti lilu skont il-ligi sakemm mhux ghar-ragunijiet stabbiliti fil-ligi stess u bil-manjera li trid il-ligi.[1] Ghalhekk, l-artikolu 9 tal-ahhar testment ta' Carmelo Saydon ma jistax jitqies illi jisvesti lil xi hadd mill-uliedu mid-dritt illi jikkontesta t-testment jekk ikun il-kaz illi t-testatur ma halliex lil dak il-wild il-porzjon riservata spettanti lilu skont il-ligi. Kieku dan kien il-kaz ikun ifisser illi t-testatur ikun qieghed jithalla jmur kontra disposizzjoni espressa tal-ligi, haga li m'hijiex permessa skont l-artikolu 683 tal-Kodici Civili. Din il-linja ta' hsieb tinsab konfermata filfatt fl-insenjament ta' **Pacifici Manzoni** citat mill-attrici stess fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha skont liema:

> "*Il divieto posto dal testatore di non insorgere contro le sue disposizioni testamentarie a pena di decadenza dalla disponibile o dai legati, none deve essere inteso in un senso assoluto e rigoroso, ma in un senso relattivo; ossia di non insorgere se le disposizione testamentarie fossero giuste e legali; perche se ingiuste, erronee, illegali, l'insorgimento contro le disposizioni testamentarie sarebbe l'eco della legge e non opposizione alla volonta paterna.*"

Fil-fehma ta' din il-Qorti lanqas ma jista' jitqies illi t-tenattiv minn naha tal-bqija tal-konvenuti illi jilhqu ftehim bonarju ma' ohthom sabiex jevitaw proceduri gudizzjarji jirraprezenta attakk kontra xi parti mit-testment in kwistjoni ai termini tal-artikolu 9 tal-istess testment. Huwa car illi l-intenzjoni tal-bqija tal-konvenuti ma kinitx illi jmorru kontra r-rieda ta' missierhom izda biss illi jevitaw li jinvolvu ruhhom fi proceduri litigjuzi li jdumu ghaddejjin snin shah, b'mod illi ma jkunux jistghu igawdu l-eredita ta' missierhom, u sabiex jevitaw l-ispejjez sostanzjali involuti ma' tali proceduri. Wara kollox, id-disa artikolu tat-testment ta' Carmelo Saydon ma jistax jigi ragonevolment interpretat bhala kapaci li jizvesti lill-eredi mid-dritt illi jilhqu ftehim bonarju jew jittransigu proceduri pendenti dwar l-istess testment, partikolarment meta l-ispejjez tal-istess proceduri jithallsu bi flus proprjeta tal-istess eredi li huma liberi li juzaw jew ma juzawx flushom kif jixtiequ huma.

---

[1] Ara per ezempju: **Anthony Camilleri pro et noe vs Maria mart Peter Paul Camilleri et** (Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, 18/02/2011): "M'hemmx dubju li l-Artikolu 615 tal-Kodici Civili jillimita d-diskrezzjoni ta' testatur li jiddisponi minn hwejgu kif irid."; **Silvana mart Alfred Zammit vs Antoinette mart Paul Meilak** (PA 15/10/2003).

Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tosserva illi meta rrizulta car li l-attrici qatt ma kienet ser taqbel li jsir hekk, il-konvenuti kollha akkwijexxew ghat-testment ta' missierhom, inkluz Catherine Saydon. Jirrizulta illi filfatt il-konvenuti bdew proceduri gudizzjarji kontra l-attrici ai termini tal-artikolu 495A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tinbiegh proprjeta derivanti mill-wirt ta' missier u qraba ohra tal-partijiet. Fil-kawza fl-ismijiet Joseph Saydon et vs L-Avukat Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi noe (Rik. Gur. Nru. 272/2018AF) l-atturi (li hlief ghal persuna wahda huma l-konvenuti f'din il-kawza) talbu illi jinbiegh fond fi Triq Santu Rokku Birkirkara, provenjenti mill-eredita ta' Carmel Saydon, Paul Saydon u Censina Borg nee Saydon. F'din il-kawza gie dikjarat car u tond illi sehem Catherine Saydon kien derivanti mill-wirt ta' Paul Saydon u Censina Borg biss, filwaqt illi fir-rigward tal-bqija ta' hutha sehemhom kien derivanti wkoll mill-wirt ta' missierhom. Apparti l-kawza appena msemmija, l-konvenuti wkoll prezentaw kawza ohra (Rik. Gur. Nru. 31/2018TA) ghal bejgh ta' feles art gewwa l-Ibragg a bazi tal-artikolu 495A tal-Kodici Civili u kawza ohra a bazi tal-istess artikolu ghal bejgh ta' fond u art gewwa Birkirkara (Rik. Gur. Nru. 213/2019RGM). F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Giuseppa Scicluna vs Carmela Vella** (PA 14/05/1957) fejn gie spjegat illi:

> "Tirrkorri l-accettazzjoni tacita ta` eredita` meta l-werriet jaghmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaccetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd li jaghmel dak l-att jekk bhala werriet; jigifieri illi l-att irid ikun tali li jimplika b'mod necessarju u inekwivokabbli f'min jaghmlu l-volonta` li jaccetta l-eredita`."

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-intavolar ta' dawn il-kawzi mill-konvenuti eredi ta' Carmelo Saydon, u cioe Joan Busuttil, Joseph Saydon u Gerard Saydon, tammonta ghall-accettazzjoni inekwivoka tal-ahhar testment ta' missier il-partijiet. L-intavolar ta' kawzi ai termini tal-artikolu 495A tal-Kodici Civili jista' jsir biss mis-sidien tal-proprjeta li taghha jkun qieghed jintalab il-bejgh. Il-konvenuti setghu biss ikunu sidien tal-proprjeta derivanti mill-eredita ta' missierhom biss bl-accettazzjoni tal-ahhar testment tieghu. Ghaldaqstant huwa car illi fid-data meta giet intavolata din il-kawza, il-konvenuti eredi ta' Carmelo Saydon kienu diga accettaw b'mod inekwivoku l-ahhar testment ta' missierhom, ikkonsidrat illi l-kawzi ai termini tal-artikolu 495A gew intavolati fl-2018 filwaqt illi din il-kawza giet intavolata fl-2019.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk qed jigu michuda, filwaqt illi qed jigu milqugha l-eccezzjonijiet numru 4 u 8 tal-konvenuti.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti peress illi l-mertu taghha jinsab ezawrit stante d-digriet tal-1 ta' Lulju 2019 u tichad it-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenuti, tilqa' r-raba' u t-tmien eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti u tichad it-talbiet kollha tal-attrici.

L-ispejjez kollha jithallsu mill-attrici.

Mark Chetcuti

Prim Imhallef

Anne Xuereb

Deputat Registratur